MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

## (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2001

Rikors Numru. 13/2001/1

**Domenico Savio sive Savio SPITERI u GOURMET COMPANY Ltd**

**vs**

**AVUKAT GENERALI u Mariano VELLA**

**Il-Qorti,**

Dan huwa digriet moghti skond l-artikolu 173 tal Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili ta' Malta, fuq talba maghmula mir-rikorrenti waqt is-smiegh tar-Rikors fit-22 ta' Mejju, 2001, fis-sens li t-twegiba mressqa mill-intimat Avukat Generali fl-4 ta' Mejju, 2001 (fol 18 tal-atti tar-Rikors) titnehha mill-atti minhabba li saret wara z-zmien iffissat mill-Qorti fid-Digriet taghha tas-26 t'April, 2001, li bih appuntat ukoll ir-Rikors ghas-smiegh;

Illi l-intimat oppona ghat-talba tar-rikorrenti ghar-ragunijiet imsemmijin fil-verbal innifsu (pagni 20-1);

Illi l-Qorti rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat ir-Regolament 4(1) tal-A.L. 35 tal-1993;

***Ikkunsidrat:***

Kif sewwa rrileva l-intimat, m'hemm l-ebda zmien stabbilit mil-ligi (bhal fil-kaz tar-rikors 158 fil-kaz ta' Citazzjoni u Nota tal-Eccezzjonijiet) li, fi proceduri ta' din l-ghamla, intimat irid iressaq it-twegiba tieghu f'xi perjodu perentorju;

Illi, fil-fatt, it-terminu gie stabbilit minn din il-Qorti bid-Digriet taghha tas-26 t'April, 2001;

Illi l-intimat Avukat Generali gie notifikat fis-27 t'April, 2001 (pagni 9 u 10 tal-process) u ressaq it-twegiba tieghu fl-4 ta' Mejju, 2001, li kien l-ghada li beda jinstema' r-Rikors;

Illi, peress li f'dan l-ghamla ta' proceduri m'hemmx is-sanzjonijiet marbuta mal-istitut tal-kontumacja, wiehed irid iqis li t-tnehhija ta' atti ta' xi parti f'kawza jservi ta' izjed hsara u zgur ma jqisx il-principju ewlieni tal-ghoti ta' smiegh xieraq lil kull naha;

Illi huwa minnu li d-Digriet tal-Qorti tas-26 t'April, 2001, kien mahsub biex jirregola l-andament tal-kawza u ghandu, ghalhekk, jitqies bhala wiehed interlokutorju;

Rat l-Art. 230 tal-Kap 12, li jghid li d-Digrieti moghtija minn Qorti ma jaghmlux gudikat ghall-Qorti li tkun tathom, fic-cirkostanzi hemm imsemmijin;

Illi sewwa ssottomettew lir-rikorrenti li t-twegiba mressqa wara z-zmien moghti fid-Digriet tista' tidher bhala sfida ghal ordni tal-Qorti, u wiehed kien jistenna li l-intimat jitlob il-permess tal-Qorti biex jithalla jressaq it-twegiba tieghu la darba ma lahaqx ghamel dan skond id-Digriet;

Illi l-Qorti taf ukoll li jekk kemm-il darba tnehhi t-twegiba tal-intimat mill-atti tar-Rikors u tordnalu jhares il-procedura appena msemmija, dan mhux se jkollu effett prattiku wisq

differenti, izda jista' jservi biex itawwal il-procedura a skapitu tal-interess innifsu tar-rikorrenti li l-process jitmexxa b'heffa u fuq il-mertu;

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda **tichad it-talba tar-rikorrenti** ghat-tnehhija mill-atti tat-Twegiba tal-intimat, u ghall-finijiet tal-artikolu 230 tal-Kap 12 qeghda tammetti l-istess Twegiba daqslikieku l-Qorti kienet iddekretat iz-zmien tal-prezentata tieghu fil-jum li t-Twegiba fil-fatt dahlet.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------